**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Novembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Borg)**

**vs**

**Amadeos Cachia**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat in-notiipprezentati minn Tyson Bugeja tat-23 ta' Settembru 2022 u minn Kevin Falzon fit-2 ta' Frar 2022, fejn qeghdin jitolbu li jigu ezentati milli jixhdu f'dawn il-proceduri, stante li x-xhieda rikjesta minnhom ser twassal ghal kxif tas-sigrieti professjonali li huma iddepozitaw mal-imputat, li kien l-avukat difensur taghhom individwalment.

2. Rat ir-risposti tal-Ufficjali Prosekuturi tat-2 ta' Novembru 2022 u tat-3 ta' Marzu 2022 u tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu 2022 fejn issottomettew li l-mistoqsijiet li jridu jaghmlu lil dawn iz-zewg xhieda ma jappartjenux fl-isfera tal-privilegg legali, u ghalhekk ma hemm l-ebda xkiel li dawn iz-zewg xhieda jaghtu d-deposizzjoni taghhom.

3. Rat in-nota tal-imputat tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn iddikjara li jaqbel mal-prinċipji legali elenkati minn Tyson Bugeja fin-nota tiegħu.

4. Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. F'dawn il-proċeduri, l-imputat jinsab mixli b'diversi imputazzjonijiet *inter alia* relatati ma' falsifikazzjoni u frodi. In succint l-allegazzjonijiet huma li l-imputat ingħata diversi istruzzjonijiet mingħand klijenti tiegħu, fosthom Tyson Bugeja u Kevin Falzon, sabiex fil-kapaċita tiegħu ta' avukat huwa jintavola proċeduri kostituzzjonali għan-nom tagħhom, u kien jitħallas għal dan l-iskop, pero ma kienx jintavola dawn il-proċeduri kostituzzjonali. Huwa allegat ukoll li l-imputat kien jiffalsifika digrieti tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'kompetenza kostituzzjonali sabiex jġiegħel lill-klijenti jemmnu li hu kien verament intavola dawn il-proċeduri kostituzzjonali.

6. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021 hija kienet tat digriet fejn iddikjarat li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża.[1] B'noti ta' rinviji susseġwenti mibgħuta ai termini tal-Artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali talab li jinstemgħu diversi xhieda fosthom Tyson Bugeja u Kevin Falzon. Meta Tyson Bugeja u Kevin Falzon tħarrku biex jagħtu d-deposizzjoni tagħhom f'dawn il-proċeduri, huwa issollevaw il-kwistjoni li jekk jagħtu d-deposizzjoni tagħhom huma ser ikunu imġiegħla jiksru s-sigriet legali professjonali dwar l-istruzzjonijiet li huma taw lill-imputat, u għalhekk talbu li jiġu eżentati milli jixhdu f'dawn il-proċeduri.

7. L-Artikolu 405(1) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Il-qorti <u>għandha</u>, … … wara li tagħti l-ordni sabiex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, u qabel ma jiġi ppreżentat l-att ta' akkuża, fuq talba bil-miktub tal-Avukat Ġenerali, tagħmel mistoqsijiet ulterjuri lil kwalunkwe xhieda li jkunu diġà nstemgħu jew tisma' xi xhieda ġodda."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

[1] Ara fol. 333 tal-process

8. L-Artikolu 405(8) tal-Kodici Kriminali jkompli jghid hekk:
*"Il-qorti ghandha tmexxi sabiex tieħu kull azzjoni jew miżura oħra li għandha x'taqsam mal-kumpilazzjoni kif l-Avukat Ġenerali jista' jitlob bil-miktub."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

9. Minn dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi huwa car li f'dan l-istadju tal-proceduri – u cioe wara li jinghata d-digriet li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza, izda qabel ma jigiipprezentat l-att ta' akkuza, din il-Qorti ma ghandha l-ebda diskrezzjoni dwar kif ghandha titmexxa l-kumpilazzjoni, imma hija obbligata (il-legislatur juza l-kelma 'ghandha') li taghmel dak kollu li jitlobha taghmel l-Avukat Generali, inkluz fir-rigward tas-smiegh tax-xhieda. Ghaldaqstant, ladarba l-Avukat Generali qed jitlob li jinstemghu ix-xhieda Tyson Bugeja u Kevin Falzon, din il-Qorti ma ghandha l-ebda diskrezzjoni sabiex tiddeciedi jekk tismaghhomx jew le, izda hi obbligata li tismaghhom.

10. Il-Qorti tista' tieqaf hawn, pero ghal kompletezza sejra tikkunsidra t-talba ta' Bugeja u Falzon fil-meritu taghha.

11. Ghalkemm b'mod separat, dawn iz-zewg xhieda qeghdin fis-sustanza jissottomettu illi huma ma jistghux jigu imgieghla jixhdu dwar x'istruzzjonijiet huma taw lill-imputat li dak iz-zmien kien l-avukat difensur taghhom, ghax dan ikun jammonta ghal ksur tar-relazzjoni ta' konfidenzjalita assoluta fuq il-kommunikazzjonijiet li jsiru bejn klijent u l-avukat difensur tieghu, dak li komunement huwa imsejjah is-sigriet professjonali tal-avukat.

12. Din il-Qorti taqbel in principju mas-sottomissjoni ta' Bugeja u Falzon li s-sigriet professjonali jiccentra mal-klijent, ghaliex is-sigriet depozitat mal-avukat, mhux tal-avukat, imma tal-klijent, u l-kxif ta' sigriet jista' jsir biss bil-kunsens tal-klijent li jkun afda dak is-sigriet huwa stess.

13. Pero Bugeja u Falzon qeghdin ukoll jonqsu li jghidu li huwa rikonoxxut li l-klijent jista' f'kull zmien ghal xi raguni jew ohra jirrinunzja ghall-privilegg legali. Fil-fatt fis-

sentenza **Michele Grech vs Giuseppe Mifsud** deciza fit-22 ta' Novembru 1916, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2] irriteniet hekk:

*"Il secreto non e di proprieta dell'Avvocato, che e soltanto il depositario delle confidenze fattegli dal cliente, al quale il segreto appartiene, ma se il cliente stess ne dispone senza alcuna cautela e lo rivela alla controparte, coll'intereesse, cessa lo scopo della secreteza professionale, e sifatte rivelazioni non potrebbero assumere o serbare il carattere di secrete confidenze, garantite della fiducia riposte nell'Avvocato … …"*

14. Iktar ricentement, fis-sentenza **Robert Hornyold Strickland vs Allied Newspapers Limited et** deciza fis-27 ta' Marzu 2020, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"18. … … (I)l-kwestjoni tar-rabta ta' avukat lejn il-klijent tiegħu hija waħda mis-sisien ta' mġiba xierqa u meħtieġa mistennija mill-professjoni legali mhux biss dwar ir-rabta tas-sigriet professjonali, iżda wkoll bir-rabta tal-kunfidenzjalità. Tali rabta tista' tinħall biss mill-klijent jew meta dan jirrinunzja għaliha[3];*

*19. Illi d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tagħna dwar ir-rabta tal-avukat jixhdu li dan huwa jedd ta' ħarsien favur il-klijent, u mhux it-tgawdija ta' jedd ta' eżenzjoni li wieħed ikun imġiegħel jixhed, kif jidher li huwa l-każ f'sistemi proċedurali oħrajn bħalma huwa l-każ fl-Italja[4]. … …*

*21. Taħt is-sistema proċedurali ċivili Anglo-Sassonu (li minnu jidher li nstiltu r-regoli tal-Kodiċi tagħna dwar il-mod kif jitmexxa l-proċediment quddiem qorti f'kawża)[5] huwa miżmum li "The privilege is in all cases the privilege of the client and not of the solicitor or legal adviser and may be waived by the client but not by the solicitor or legal adviser"[6]"*

15. Il-**Blackstone** huwa tal-istess opinjoni u ghid hekk:

---

[2] *Per* Imhallef S. Micallef, Vol. XXIII-II-140
[3] *Kap VI, reg. 3 tal-Kodiċi tal-Etika u Mġiba għall-Avukati*
[4] *Art. 249 C.P.C u Cost. 25.3.1997 (Nru. 87)*
[5] *P de Bono* <u>*Sommario della Storia della Legislazione in Malta*</u> *(1897), Kap XVII, § 6, paġġ. 321 – 2; u H Harding* <u>*Maltese Legal History Under British Rule*</u> *(MUP 1980) paġġ. 153 – 5.*
[6] *Civil Procedure.Rules (The White Book) §31.3.27 (paġ. 566)*

*"In Ahmed [2007] EWCA Crim 2870, the Court of Appeal set out the following principles relating to waiver of legal professional privilege:*

*(a) Documents may be disclosed for a limited purpose without waiving privilege generally.*

*(b) However, if a document or communication is disclosed voluntarily, privilege will normally be lost generally and with it the right to withhold production of other documents or communications relating to the same subject-matter, or 'transaction'. … …"*[7]

16. Iktar tard **Blackstone** ikompli jghid hekk:

*"Legal professional privilege prevents the giving of oral evidence or the production of documents of particular persons, namely the client, the legal adviser (or legal adviser's clerk or agent) or third parties (in the case of protected communications between client or legal adviser and such third parties). If a privilege has been waived because the contents of a privileged communication have become known to any other person, whether by overhearing a privileged conversation or by obtaining the original or a copy of a privileged document, that person may be compelled to give oral evidence in that regard or to produce the document or a copy … … This principle applies not only if the privileged communication was disclosed by accident or error on the part of the client or the legal adviser, but also where it was obtained by improper or even criminal means on the part of the client's opponent (or some third party)."*[8]

17. Issa fil-kaz odjern, Bugeja u Falzon diga separatament irrilaxxaw dikjarazjoni lill-Pulizija dwar istruzzjonijiet li huma taw lill-imputat sabiex jiftah proceduri kostituzzjonali ghan-nom taghhom.[9] In oltre, fil-kaz ta' Falzon, id-dikjarazzjonijiet tieghu gew irrekordjati wkoll b'mod audiovizwali u jinsabu ezebiti in atti.[10] Fil-kaz ta' Bugeja, l-gharusa tieghu Miraine Bugeja xehdet ukoll f'dawn il-proceduri[11] u qalet li

---

[7] **Blackstone's Criminal Practice** 2021 pagna 2817 F10.40.
[8] *Ibid.* pagna 2818 F10.43.
[9] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur George Frendo a fol. 43-44 tal-process.
[10] Ara fol. 418 *et seq.* ta' dawn il-proceduri.
[11] Ara fol. 486 tal-process.

kienet hi li kienet titkellem ghan-nom ta’ Tyson Bugeja mal-imputat, stante li Tyson Bugeja kien jinsab il-habs. Hija qalet li ghan-nom ta’ Tyson Bugeja hija kienet tat istruzzjonijiet lill-imputat sabiex jistitwixxi proceduri kostituzzjonali ghal Tyson Bugeja. Dawn il-proceduri kostituzzjonali li kellu jistitwixxi l-imputat ghal Tyson Bugeja u ghal Kevin Falzon jifformaw parti mill-meritu ta’ dawn il-proceduri kriminali. Ghaldaqstant ma hemmx dubbju li bl-agir taghhom dawn iz-zewg xhieda volontarjament irrinunzjaw ghall-privilegg legali. Fil-kaz ta’ Tyson Bugeja, il-privilegg legali gie rinunzjat ukoll mill-mandatarja tieghu.

18. In oltre, il-Prosekuzzjoni ezebiet ukoll dak li *prima facie* jidher li huma digrieti fi proceduri kostituzzjonali istitwiti minn dawn iz-zewg xhieda, liema digrieti *prima facie* jidher li intbaghtu mill-imputat lill-ufficjali tal-Agenzija ghal Servizzi Korrettivi permezz ta’ email, u kienu l-ufficjali tal-Agenzija li ghamlu rapport lill-Pulizija dwar dawn id-digrieti. Ladarba, l-informazzjoni dwar l-ezistenza o meno ta’ dawn il-kawzi kostituzzjonali giet fid-dominju pubbliku, din l-informazzjoni ma ghadhiex aktar prottetta bis-sigriet professjonali.

19. Fir-risposti taghhom, l-Avukat Generali u l-Prosekuzzjoni diga iddikjaraw illi l-linja ta’ domandi ser tigi limitata ghal informazzjoni rigwardanti struzzjonijiet li Bugeja u Falzon setghu taw lill-imputat sabiex tinfetah kawza kostituzzjonali, liema kawza tifforma parti mill-mertu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat.

20. Fid-dawl tal-fatti u kunsiderazzjonijiet fuq esposti, certament ma jistghax jinghad li domandi dwar istruzzjonijiet li Bugeja u Falzon setghu taw lill-imputat dwar dawn il-kawzi kostituzzjonali mertu ta’ dawn il-proceduri kriminali illum il-gurnata ghadhom koperti bis-sigriet professjonali.

21. Fl-ahharnett il-Qorti tirrileva li fis-seduta tal-21 ta’ Gunju 2021, din il-Qorti kienet laqghet it-talba ta’ Tyson Bugeja sabiex jikkostitwixxi ruhu parti offiza f’dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 410(5) tal-Kodici Kriminali. Fin-nota tieghu tat-23 ta’ Settembru 2021, Tyson Bugeja iddikjara illi huwa m’ghandu l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-imputat u ghalhekk b’dik in-nota qieghed jaghzel li ma jibqghax kostitwit bhala parti civili. Il-Qorti tosserva li l-ebda disposizzjoni tal-ligi ma tawtorizza lil persuna li tkun giet ammessa fi proceduri kriminali bhala parti offiza b’ordni tal-Qorti, li

unilateralment tiddikjara li ma tridx tibqa' izjed ikkunsidrata bhala parti offiza f' dawk il-proceduri.

**Konkluzjoni**

22. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Tyson Bugeja fin-nota tieghu tat-23 ta' Settembru 2022 u t-talba ta' Kevin Falzon fin-nota tieghu tat-2 ta' Frar 2022 sabiex jigu ezentati milli jixhdu f'dawn il-proceduri.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**